26.11.2024

B10-0191/2024 }
B10-0192/2024 }
B10-0193/2024 }
B10-0198/2024 }
B10-0200/2024 } RC1/Em. 11

**Emenda 11**
**Adam Bielan, Mariusz Kamiński**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, Renew, Verts/ALE**
It-tisħiħ tal-appoġġ konsistenti tal-UE lill-Ukrajna kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u ż-żieda fil-kooperazzjoni militari bejn il-Korea ta' Fuq u r-Russja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi r-Russja ilha mill-24 ta' Frar 2022 twettaq gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u inġustifikata kontra l-Ukrajna, b'kontinwazzjoni tal-aggressjoni preċedenti tagħha mill-2014, inkluża l-annessjoni illegali tal-Krimea u l-okkupazzjoni ta' partijiet mir-reġjuni ta' Donetsk ***u ta'*** Luhansk, u tikser b'mod persistenti, sfaċċat u gravi l-prinċipji tal-Karta tan-NU u tad-dritt umanitarju internazzjonali, kif stabbilit mill-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949; | A. billi r-Russja ilha mill-24 ta' Frar 2022 twettaq gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u inġustifikata kontra l-Ukrajna, b'kontinwazzjoni tal-aggressjoni preċedenti tagħha mill-2014, inkluża l-annessjoni illegali tal-Krimea u l-okkupazzjoni ta' partijiet mir-reġjuni ta' Donetsk***,*** Luhansk***, Zaporizhzhia u Kherson***, u tikser b'mod persistenti, sfaċċat u gravi l-prinċipji tal-Karta tan-NU u tad-dritt umanitarju internazzjonali, kif stabbilit mill-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949; |

Or. en

26.11.2024

B10-0191/2024 }
B10-0192/2024 }
B10-0193/2024 }
B10-0198/2024 }
B10-0200/2024 } RC1/Em. 12

**Emenda 12**
**Adam Bielan, Mariusz Kamiński**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, Renew, Verts/ALE**
It-tisħiħ tal-appoġġ konsistenti tal-UE lill-Ukrajna kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u ż-żieda fil-kooperazzjoni militari bejn il-Korea ta' Fuq u r-Russja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jitlob lill-Kunsill jestendi s-sanzjonijiet tiegħu kontra r-Russja; jappella għal aktar sanzjonijiet kontra setturi ta' importanza ekonomika speċjali għar-Russja (is-setturi metallurġiċi, nukleari, kimiċi, agrikoli u bankarji) u fuq il-materja prima Russa, bħall-aluminju, il-prodotti tal-azzar, l-uranju, it-titanju u n-nikil, għal embargo sħiħ fuq l-importazzjonijiet fl-UE tal-fjuwils fossili Russi u tal-gass naturali likwifikat, u biex il-limitu massimu tal-prezz fuq il-prodotti tal-petroleum Russi jitnaqqas aktar f'koordinazzjoni mas-sħab tal-G7, sabiex jieqaf jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja; jappella għal sanzjonijiet aktar b'saħħithom u aktar immirati kontra l-flotta mistura tar-Russja; jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf kwalunkwe kooperazzjoni mar-Russja fis-settur tal-enerġija nukleari; | 14. Jitlob lill-Kunsill jestendi s-sanzjonijiet tiegħu kontra r-Russja; jappella għal aktar sanzjonijiet kontra setturi ta' importanza ekonomika speċjali għar-Russja (is-setturi metallurġiċi, nukleari, kimiċi, agrikoli u bankarji) u fuq il-materja prima Russa, bħall-aluminju, il-prodotti tal-azzar, l-uranju, it-titanju u n-nikil, għal embargo sħiħ fuq l-importazzjonijiet fl-UE tal-fjuwils fossili Russi u tal-gass naturali likwifikat, u biex il-limitu massimu tal-prezz fuq il-prodotti tal-petroleum Russi jitnaqqas aktar f'koordinazzjoni mas-sħab tal-G7, sabiex jieqaf jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja; jappella għal sanzjonijiet aktar b'saħħithom u aktar immirati kontra l-flotta mistura tar-Russja; jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf kwalunkwe kooperazzjoni mar-Russja fis-settur tal-enerġija nukleari; ***jenfasizza li r-Russja qed taqleb mid-dipendenza fuq l-esportazzjonijiet tal-gass għall-fertilizzanti derivati mill-gass, li jipprovdu sors ewlieni ta' dħul u ta' qligħ minn muniti barranin għall-Istat Russu, filwaqt li qed tagħti spinta diretta lill-magna tal-gwerra*** |


Magħquda fid-diversità

***tagħha, filwaqt li fl-istess ħin tikkomprometti l-ekonomiji tal-UE u thedded is-sigurtà alimentari; jitlob lill-UE tindirizza din l-isfida kif xieraq, b'mod urġenti u b'azzjonijiet b'saħħithom u deċiżivi, peress li d-dipendenza tal-UE fuq il-fertilizzanti Russi qed tikber b'rata allarmanti;***

Or. en